**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Kawza nru.: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 430/2019 JVC**

**Christopher Sciberras (K.I. nru. 157774M)**

**vs**

**Joshua Cilia (K.I. nru. 356094M), Matthew Cilia (K.I. nru. 8986M) u Stephanie Schembri (K.I. nru. 427190M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors illi permezz tiegħu r-rikorrent Christopher Sciberras talab kif isegwi:

'1. Illi r-rikorrent huwa l-proprjetarju tal-fond, ossia flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun, bid-drittijiet u l-pertinenzi tiegħu kollha, inkluż sehem indivis tal-partijiet komuni tal-istess blokk, u ċioe l-entrata, tromba tat-taraġ, taraġ sal-bejt pero esklus il-bejt, u dan in forza ta 'att pubbliku ppublikat in atti tan-Nutar Pierre Cassar nhar id-disgħa (9) ta 'Jannar tas-sena elf disa 'mija u sitta u disgħin (1996) (Dokument anness u mmarkat bħala Dok A);

2. Illi permezz ta' att pubblikku ppublikat in atti tan-Nutar John Spiteri, l-intimati akkwistaw in kwantu għal nofs indiviz Matthew Cilia u Stephanie Schembri ndaqs u ndivizament bejniethom, u nkwantu għar-rimanenti nofs indiviz Joshua Cilia, l-appartament internament indikat bin-numru tnejn (2), formanti parti minn blokk bini bin-numru tnax (12) u jismu '*Destiny*', fi Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun, sovrastanti l-appartament numru wieħed (1) proprjeta' tar-rikorrent, inkluż is-sehem indiviz tal-partijiet u servizzi li huma solitament intizi għall-użu komuni tal-istess blokk u cioe' l-entrata, t-tromba tat-taraġ, u taraġ sal-bejt, liberu u frank, bid-drittijiet u l-ġiustijiet tiegħu kollha, nkluża l-arja relattiva (Dokument anness u mmarkat bħala Dok B);

3. Illi l-att pubblikku ppublikat in atti tan-Nutar John Spiteri u li permezz tiegħu l-intimati akkwistaw l-appartament internament innumerat bin-numru tnejn (2), jistipula espressament li l-fond tar-rikorrent jgawdi d-dritt ta' tank tal-ilma, solar water heater, aerial u satellite dish ta' daqs domestiku, u airconditioning unit, fuq il-bejt tal-blokk u bid-dritt ta' aċċess f'kaz ta' manutenzjoni u riparazzjoni basta jingħata pre-avviż adekwat;

4. Illi dan tant hu hekk li sa minn meta r-rikorrent akkwista l-proprjeta' tiegħu u ġie żviluppat l-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) fl-istess korp ta' bini, ossia al-ħoxrin (20) sena ilu, huwa dejjem kellu nstallati fuq il-bejt tal-korp tal-bini in kwistjoni żewġ tankijiet tal-ilma debitament konnessi mal-pajpijiet u s-sistemi relattivi li jipprovdu l-provvista tal-ilma ġewwa l-fond residenzjali tiegħu sottostanti l-imsemmi appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2);

5. Illi minkejja li għal madwar għoxrin (20) sena sħaħ ir-rikorrent qatt ma kellu problemi b'dawn it-tankijiet tal-ilma, u dawn billi kienu nstallati b'mod sikur u sod u billi dejjem ħa ħsieb li jaċċedi biex jagħmel kwalsiasi manuntenzjoni li setgħet kienet neċessarja, fil-lejl ta' nhar il-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) dawn it-tankijiet abbużivament, illegalment, klandestinament u bi vjolenza inqalgħu minn posthom bil-konsegwenza li wieħed

minnhom tħalla jaqa' mat-tlett sulari għal ġewwa l-bitħa tar-rikorrent filwaqt li l-ieħor tħalla mdendel mal-opramorta tal-binja;

6. Illi dan seħħ fil-lejl tal-istess jum li fih ġie ttrattat mandat ta' inibizzjoni li r-rikorrent intavola kontra l-intimati sabiex iwaqqafhom milli jiżviluppaw l-appartament tagħhom u l-arja sovrastanti l-korp ta' bini, ossia l-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet *Christopher Sciberras v Joshua Cilia et* (Mandat Nru. 275/19AF). Dan il-mandat ġie milqugħ in parte u r-rikorrent anki ntavola azzjoni appożita li qegħda appuntata għas-smiegħ quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet *Christopher Sciberras v Joshua Cilia et* (Rik. Ġur. Nru. 231/19MH) (Dokument anness u mmarkat bħala Dok C u D);

7. Illi b' konsegwenza tal-fatt li b'mod klandestin, vjolenti u abbużiv, nqalgħu t-tankijiet tal-ilma, ir-rikorrent safa mingħajr provvista tal-ilma ġewwa r-residenza tiegħu fejn jgħix ma' martu u ibnu minuri;

8. Illi għalkemm ir-rikorrent immedjatament talab l-assitenza tal-Pulizija Eżekuttiva sabiex kemm jitneħħa l-perikolu imminenti tat-tank tal-ilma li baqa' mdendel mal-opramorta, u kemm sabiex jerġgħu jitqabbdu t-tankijiet mas-sistema tal-ilma - u dan sabiex ir-rikorrent jingħata lura l-provvista tal-ilma ġewwa daru - l-intimati rrifjutaw li jagħtu aċċess lir-rikorrent;

9. Illi similment fl-aħħar jiem ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-intimati, jew min minnhom, b'mod klandestin, vjolenti u abbużiv qatgħu l-wire tat-television kif ukoll qalgħu minn posthom is-sistemi tal-arja kundizzjonata li kienu jinsabu fuq il-bejt tal-korp ta' bini in kwistjoni u li kellu l-użu u t-tgawdija tagħhom ir-rikorrent billi kienu jservu l-fond residenzjali tiegħu, ossia il-flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun;

10. Illi dawn l-azzjonijiet kienu tabilħaqq biss l-aħħar minn sensiela ta' vendikazzjonijiet mwettqa mill-intimati kontra r-rikorrent għar-raġunijiet fuq imfissra;

11.Illi l-esponent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

**Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

1. Illi r-rikorrent u familtu ilhom min nhar il-ħdax (11) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) mingħajr provvista adegwata tal-ilma ġewwa r-residenza tagħhom, b'dan li l-intimati baqgħu jirrifjutaw li jagħtu l-aċċess lir-rikorrent sabiex jitla fuq il-bejt biex jinstalla t-tankijiet tal-ilma u jqabbadhom mas-servizzi relattivi hekk kif

kienu għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena - tant li jidher li f'dawn l-aħħar jiem l-intimati saħansitra kissru t-taraġ li jagħti għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini in diżamina;

2. Illi ma hemm ebda dubbju li tali aġir abbużiv, pikuż, indinjituż u illegali da parte tal-intimati, li jiddeprivaw u jċaħħdu lir-rikorrent mid-dritt ta' aċċess li għandu għal fuq il-bejt kif ukoll mid-dritt li jinstalla mill-ġdid it-tankijiet tal-ilma, jikkostitwixi spoll vjolenti u klandestin kontra r-rikorrent u huwa unikament mnebbaħ minn sens ta' retribuzzjoni talli r-rikorrent qiegħed ifittex li jissalvagwardja d-drittijiet ċivili tiegħu fi proċeduri oħra kif fuq deskritt;

3. Illi fil-fatt l-intimati baqgħu jirrifjutaw li jagħtu aċċess lir-rikorrent u li jippermettulu jinstalla mill-ġdid it-tankijiet tal-ilma fuq il-bejt in kwistjoni minkejja li ġew infurmati mill-Pulziija Eżekuttiva li fin-nuqqas kienu ser jittieħdu passi kirminali kontra tagħhom (Dokument anness u mmarkat bħala Dok E u F);

a. Illi di piu l-intimati baqgħu jinsistu li jiddeprivaw lir-rikorrent u lil familtu mid-dinjita u l-ħtieġa bażilari ta' provvista tal-ilma ġewwa r-residenza tagħhom anki nonostante li ġew debitament interpellati permezz ta' ittra legali ta' nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019);

b. Illi dak hawn fuq premess jgħodd ukoll mutatis mutandis għar-rigward tal-wire tat-television u s-sistemi tal-arja kundizzjonata, l-użu u t-tgawdija ta' liema ġie deprivat minnhom ir-rikorrent sforz l-aġir unilaterali u abbużiv tal-intimati;

c. Illi għalhekk ir-rikorrent ma kellu ebda għażla oħra għajr li jipproċedi bl-odjerna azzjoni sabiex jitlob il-protezzjoni u r-rimedji kollha li huma fis-setgħa ta' din l-Onorabbli Qorti li toffri;

**Talbiet**

Jgħidu għalhekk l-intimati, għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

i. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh, ostakolawh u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tad-dritt ta' aċċess li huwa għandu għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun;

ii. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh,

ostakolawh u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tat-tankijiet tal-ilma li kellu nstallati fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun;

iii. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess u fit-tgawdija li kellu qabel l-abbużi suġġetti ta' din l-azzjoni, ossia billi jagħtu lir-rikorrent aċċess sħiħ għall-fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun u dan sabiex ikun jista' jinstalla mill-ġdid it-tankijiet tal-ilma u jqabbad l-istess mas-sistemi tal-ilma li jservu l-fond residenzjali tiegħu, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti, okkorrendo prevja l-opera ta' *periti nominandi*;

iv. Tordna u tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli jerġgħu jiddeprivaw lir-rikorrent mill-pussess u t-tgawdija tad-dritt ta' aċċess li huwa għandu għall-fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun u tad-dritt li jinstalla t-tankijiet tal-ilma u jqabbad l-istess mas-sistemi tal-ilma li jservu l-fond residenzjali tiegħu, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti;

v. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta ċaħħduh, ostakolawh u naqqsulu il-pussess u t-tgawdija tal-wire tat-television u tas-sistemi tal-arja kundizzjonata li huwa kellu fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun, u li kienu jservu l-fond residenzjali tiegħu ossia l-flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun;

vi. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess u fit-tgawdija li kellu qabel l-abbużi suġġetti ta' din l-azzjoni, ossia billi jerġgħu jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex il-wire tat-television u s-sistemi tal-arja kundizzjonata tar-rikorrent jerġgħu jservu l-fond residenzjali tar-rikorrent ossia l-flat, internament immarkat bin-numru wieħed (1), f'korp bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun, u dan bl-istess mod u fl-istess qies li kienu hekk jagħmlu qabel l-abbużi mertu ta' din l-azzjoni;

vii. Tordna u tinibixxi lill-intimati jew min minnhom milli jerġgħu jiddeprivaw lir-rikorrent mill-pussess u t-tgawdija li huwa għandu tal-wire tat-television u tas-sistemi tal-arja kundizzjonata installati fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u

bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun, u dan ai termini tal-atti pubbliċi rispettivi tal-partijiet suriferiti;

viii. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex, fl-eventwalita` li l-intimati jew min minnhom jonqsu milli jottemporaw ruħhom mal-ordni għar-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-pussess u tgawdija tiegħu fit-termini lilhom prefiss, l-istess rikorrent jaċċedi għal fuq il-bejt tal-korp ta' bini bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem 'Destiny', ġewwa Triq Oscar Żammit, il-Ħamrun sabiex jeżegwixxi u jagħmel l-atti jew ix-xogħlijiet kollha neċessarji u rimedjali għall-fini tat-talbiet kollha, okkorrendo taħt is-sorveljanza ta '*periti nominandi* u bl-għajnuna tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti, u dan a spejjeż tal-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li qiegħdin sa minn issa jiġu nġunti in subizzjoni, u b' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent skond il-Liġi.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Joshua Cilia et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti ma kkommettew l-ebda spoll billi kif ser jiġi spjegat tul it-trattazzjoni tal-kawża huma ma neħħew l-ebda l-installazzjonijiet appartenenti lill-attur;

2. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju ghall-premess l-attur irrid jipprova li jissussistu l-elementi tal-ispoll minnu allegat inkluż ukoll li l-azzjoni inbdiet fi żmien xahrejn mill-allegat spoll;

Salv eċċezzjonijiet ulterjui.'

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Lulju, 2019 din il-Qorti diversament preseduta, fuq talba tar-rikorrenti, nnominat lill-Perit Tekniku Godwin Abela sabiex jaccedi fuq il-fond mertu tal-kawza u jirrelata b'urgenza dwar il-provvista tal-ilma mit-tankijiet li kienu fuq il-bejt tal-blokka ghal gol appartament tar-rikorrent, senjatament jekk u kif il-kommunikazzjoni tal-ilma tistghax tigi ripristinata a spejjez provizorji tar-rikorrent.

Rat illi fil-verbal tas-16 ta' Lulju, 2019 il-Perit nominat irrelata li huwa acceda fuq il-post u prezenta l-verbal tal-istess u rat li din il-Qorti diversament preseduta proponiet rimedju provizorju sabiex jigi ripristinat l-ilma lir-residenza tar-rikorrenti izda Dr. Massimo Vella ghan-nom tal-intimati oggezzjona.

Rat ir-rapport/verbal tal-access tal-Perit Godwin Abela a fol. 67 et seq tal-process.

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Novemberu, 2019 Dr. Vella ghan-nom tal-intimati ddikjara li l-intimati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li tigi ripristinata l-konnessjoni tat-tank tal-ilma, b'dan illi din id-dikjarazzjoni qed issir minghajr pregudizzju ghall-kontenzjoni taghhom u dan minghajr ebda ammissjoni tal-ispoll u suggett li l-intimati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li x'hin jitlestew ix-xoghlijiet it-tank jitpogga fuq il-bejt il-gdid. Jikjarifika wkoll li l-offerta li tigi ripristinata l-konnessjoni tal-ilma hija minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet kollha involuti u temporanja pendenti l-kawza.

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Novembru, 2020 gie dikjarat kif isegwi mill-partijiet:

'Dr Vella ghall-konvenuti mill-gdid jixtieq jirregistra illi minghajr pregudizzju ghall-mertu ta' dawn il-proceduri, l-atturi jistghu x'hin iridu jaccedu fuq il-bejt di proprjeta' tal-konvenuti sabiex iqabbdu s-servizz tal-ilma tal-appartament taghhom mal-main tal-ilma li jinsab fuq l-istess bejt u b'mod provvizorju sakemm eventwalment ikun jista' jsir tank tal-ilma b'mod permanenti fuq is-saqaf il-gdid tal-proprjeta' tal-istess konvenuti. Il-konvenuti qatt ma cahhdu lill-atturi minn dan u kienu l-atturi li ghazlu li ma jaghmlux tali konnessjoni.

Dr  Bartolo ghar-rikorrent jiddikjara illi tali proposta ma tistax tigi accettata in vista tal-fatt illi qed issir sabiex jigu pregudikati d-drittijiet peritorji tar-rikorrent fil-kawza li qed tinstema' kontestwalment minn dini l-Qorti kif  diversament  preseduta fl-istess ismijiet u  in oltre tali proposta mhux ser iservi sabiex jigi spurgat l-ispoll fl-intier tieghu u kif dedott fil-mertu ta' dawn il-proceduri b'dan illi f'kull kaz m'huwiex minnu illi saret proposta illi permezz taghha jigi verament rimedjat b'mod definittiv l-ispoll mertu  tal-kawza.'

Fl-istess verbal l-avukati tal-partijiet qablu li dwar il-kuntratti esebiti m'hemmx bzonn il-prova tan-nutara sabiex jikkonfermawhom.

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Settembru, 2021 il-partijiet iddikjaraw kif isegwi:

'Il-partijiet qeghdin jaqblu illi ghal dak li jirrigwarda l-wire relattiv tal-kumpressur tal-arja kundizzjonata li jservi l-fond tal-attur, f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward tal-istess wire, dan jista' jigi mghoddi minn gox-xaft komuni jew bitha jew terazzin sabiex b'hekk jibqa' tiela sal-istes kumpressur minghajr ma jghaddi mill-proprjeta' tal-intimat.'

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Jannar, 2023 l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'allegazzjoni ta' spoll, vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent jsostni li huwa sid tal-fond cioe' appartament numru 1 fil-blokka ta' zewg appartamenti bl-isem ta' 'Destin', Triq Oscar Zammit, Hamrun u li l-intimati bhala sidien tal-appartament sovrastanti u l-bejt suespost, nhar il-11 ta' Marzu, 2019 spoljaw lir-rikorrenti billi qacctulhom u waqqawlhom it-tankijiet tal-ilma u wkoll li lejn l-ahhar ta' April, 2019 l-intimati qacctulhom ukoll il-wajer tat-televizjoni u wkoll qalghu il-kumpressur tal-'air-conditioner' li ma baqax jahdem. Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti ssib lill-intimati hatja tal-ispoll kif deskritt u tordna r-ripristinazzjoni *status quo ante*.

L-intimati jeccepixxu li huma ma kommettew l-ebda spoll u li fi kwalunkwe kaz huwa r-rikorrent li jrid jipprova li jikkonkorru l-elementi kollha neccessarji sabiex tirnexxi l-kawza ta' spoll tentata.

Illi mil-lat ta' provi fil-mertu, l-Qorti rat il-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat 9 ta' Jannar, 1996 li permezz tieghu ir-rikorrent akkwista l-fond proprjeta' tieghu koncernat fil-kawza odjerna a fol. 13 et seq tal-process. Dan il-kuntratt jiddeskrivi l-partijiet komuni tal-blokka in kwistjoni kif isegwi:

' . . .inklus sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-istess blokk, u cioe l-entrata, tromba tat-tarag, tarag sal-bejt, pero esklus il-bejt . . '

Rat l-abbozz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri li jidher li jikkoncernat l-akkwist mill-intimati tal-appartament numru 2 fl-istess blokka ta' appartamenti fejn jinsab l-appartament tar-rikorrent (fol. 15 et seq). Rat ukoll izda li vera kopja ta' dan il-kuntratt giet esebita a fol. 161 et seq tal-process. Dan il-kuntratt b'referenza ghall-jeddijiet tar-rikorrent fuq il-bejt akkwistat mill-intimati jaqra kif isegwi:

'Il-flat sottopost internament indikat bin-numru (1) jgawdi d-dritt ta' tank tal-ilma, solar water heater, aerial u satellite dish ta' daqs domestiku, u airconditioning unit, fuq il-bejt tal-blokk u bid-dritt ta' access f'kaz ta' manutenzjoni u riparazzjoni basta l-kompraturi jinghataw preavviz adekwat, u bil-kondizzjoni li f'kaz li l-bejt

jinbena, dawn is-servizzi iridu jigu nstallati fuq l-eventwali ghola bejt pero' a spejjez tal-istess flat numru wiehed (1).'

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 21 ta' Marzu, 2019 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 275/2019/AF a fol. 28 et seq tal-process.

Rat il-kopja tar-rikors guramentat bin-numru 231/19 MH li saret referenza ghalih fir-rikors guramentat odjern a fol. 31 et seq tal-process.

Rat ir-rapport mal-Pulizija li sar mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati bid-data tal-incident hija ndikata bhala l-11 ta' Marzu, 2019 liema data hija wkoll id-data tar-rapport a fol. 42 et seq tal-process. Huwa rraporta li ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl hu u martu semghu hoss kbir u ndunaw li t-tank tal-ilma tal-elf litru li kellhom fuq il-bejt kien imedendel ghal isfel. Ziedu li t-tank kien mimli bl-ilma u l-ilma waqa' kollu fil-bitha proprjeta' taghhom. Ziedu li huma ma setghux jaccedu ghall-bejt ghaliex ma kienx proprjeta' taghhom izda ghandhom dritt li jitilghu jirrangaw is-servizzi li ghandhom fuq il-bejt bhat tank tal-ilma.

Rat ukoll ir-rapport datat 15 ta' Marzu, 2019 a fol. 45 et seq tal-process li wkoll sar mir-rikorrent. Permezz ta' dan ir-rapport ir-rikorrent sostna li huwa kien mar mal-plumber sabiex jitla' fuq il-

bejt u jirranga t-tank izda Joshua Cilia (wiehed mill-intimati) ma tahx access.

Rat ukoll ir-rapport dwar incident li sehh bejn is-27 u t-28 ta' April, 2019 a fol. 48 et seq tal-process. Permezz ta' dan ir-rapport ir-rikorrent irraporta li fis-27 ta' April, 2019 kien tqaccatlu l-wire tat-televizjoni tieghu minn fuq il-bejt filwaqt li fid-28 ta' April, 2019 rraporta li jahseb li gie maqlugh il-kumpressur tal-'air-conditoiner' tieghu li kellu fuq it-turretta fuq il-bejt stante li ma kienx qed jahdem. F'dan ir-rapport huwa zied li m'ghandu access ghall-bejt jekk mhux bil-permess tas-sidien ta' fuqu.

Rat l-ittra interpellatorja mibghuta mir-rikorrenti lill-intimati datata 13 ta' Marzu, 2019 a fol. 51 tal-process fejn f'din l-ittra jissemma li nqalghu it-tankijiet tal-ilma.

Rat ir-rapport/verbal tal-access tal-Perit Godwin Abela a fol. 67 et seq tal-process. Rat id-diversi ritratti tal-fond in kwistjoni ix-xoghlijiet ghaddejjin. Huwa jirrelata li t-tromba tat-tarag fil-proprjeta' tal-intimati li kienet tintuza sabiex ir-rikorrent ikun jista' jaccedi ghas-servizzi tieghu giet demolita u li l-bejt meta mar hu kien accessibbli biss permezz ta' sellum. Jghid li huwa seta' jara l-bejt kien qed jigi demolit u kif jidher mir-ritratti it-tank tal-ilma kien maqlugh. Irrelata wkoll li temporanjament ir-

rikorrenti kienu qed jiehdu l-ilma mill-hanut taghhom adjacenti permezz ta' pajp liema mizura hija wahda temporanja. Irrelata li:

'biex ir-rikorrent jerga jkollu supply tal-ilma normali, irid jerga jigi kkomunikat it-tank ta' fuq il-bejt mas-supply mill-mains li jservu l-blokk ta' appartamenti kif ukoll il-pompa u r-return biex l-ilma jigi ppumpjat fil-fond tar-rikorrenti bhal ma jkun f'istwazzjoni normali.' (fol. 70)

Irrileva wkoll li fejn normalment fi blokk appartamenti, t-tarag principali jibqa' tiela sa fuq il-bejt biex kullhadd ikollu access ghal bejt minghajr ma jkun hemm bzonn li jghaddi minghand haddiehor, fil-kaz ta' dan il-blokk, it-tarag jieqaf mas-sular tal-fond tal-intimati u jesebixxi ritratti a fol. 70 tal-process biex jevidenzja dan.

Rat ukoll ix-xhieda tal-**Perit Godwin Abela** a fol. 73 et seq tal-process in relazzjoni mal-istess rapport.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent **Christopher Sciberras** a fol. 75 et seq tal-process limitatament izda fuq il-kwistjoni tal-provvista tal-ilma fejn jispjega li bhalissa qed jiehu l-ilma billi tella' pajp mill-hanut tieghu li jinsab isfel biex almenu jkollu ilma fil-kcina. Dwar toilets jinqdew bil-barmil u la ghandu mishun u ma ghandu xejn. Izid li dan huwa ghaliex qabel qalghu it-tank huwa kellu s-solar

fuq il-bejt. Huwa jixhed nhar is-16 ta' Lulju, 2019 u jghid li kien ilu mid-data tal-mandat ta' inibizzjoni fil-11 ta' Marzu, 2019 minghajr ilma. Izid li ghandu *shower* wiehed li qed jahdem bih. Jghid li huwa dakinhar ma ra l-hadd imma sema' l-haddiema tal-intimati fuq il-bejt.

Rat il-kopja tad-dokumentazzjoni fl-atti tal-kawza 231/2019 MH a fol. 84 et seq tal-process. Rat fost ohrajn id-dokumentazzjoni relatati mal-permess ta' zvilupp mahrug favur l-intimati a fol. 108 et seq tal-process liema permess jaqra kif isegwi:

'Proposed alterations to existing dwelling. Works include proposed demolition of walls at existing roof (third floor) level, construction of additional full floor at third floor and setback floor at fourth floor.'

Rat l-ittra ta oggezzjoni tar-rikorrenti mibghuta lill-Awtorita' tal-Ippjanar li izda ma jidhirx li ghandha data fuqha.

Rat ir-rapport ex parte tal-**Perit Carmel Cacopardo** datat 26 ta' Frar, 2019 w'ghalhekk qabel id-dati tal-allegati spoll u fil-fatt jitkellem fuq xoghlijiet li saru fuq katusi.

Rat l-ittri interpellatorji datata 19 ta' Ottubru, 2018 a fol. 113 u a fol. 115 datata 22 ta' Jannar, 2019 liema ittra tinterpella l-intimati

sabiex jiddesistu milli jibnu l-arja tal-appartament numru 2 ghaliex skont ir-rikorrent ma kellhomx il-jedd li jaghmlu dan.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Christoper Sciberras** (fol. 132) fl-atti tal-kawza petitorja fejn jixhed li l-appartamenti inghataw lilu u lil huh mill-genituri taghhom u li ghal ghoxrin sena shah qatt ma kellu problemi sabiex jitla' fuq il-bejt u jiehu hsieb is-servizzi li kellu fuq l-istess. Jixhed dwar il-kundizzjonijiet li huwa nsista fuq huh li jigu inkluzi fil-kuntratt tal-bejgh tal-appartament numru 2 fosthom li ma jsirx lift fil-komun u li huwa jibqghalu d-drittijiet tieghu fuq il-komun u ghas-servizzi fuq il-bejt. Ghall-bidu ma kellux problemi mal-intimati izda maz-zmien inqalghu il-kwistjonijiet mal-intimati. Jghid li bdew jinqalghu il-kwistjonijiet mal-intimati fuq tibdiliet u xoghlijiet li l-intimati riedu jaghmlu fil-komun fosthom katusi u wkoll induna li l-intenzjoni taghhom kienet li jizviluppaw l-arja tal-bejt u hu ghalhekk oggezzjona ghall-izvilupp. Jinsisti li l-binja dejjem saret bil-hsieb li fiha jghixu zewg familji biss u xejn aktar u kien ghalhekk li meta nbniet il-binja originarjament hu ma kellu l-ebda oggezzjoni li missieru jghaddi s-servizzi mix-xafts proprjeta' tieghu. Kellu jkellem avukat ghaliex meta mar ikellem lill-intimati dawn laqghuh bi kliem oxxen, insulti u prepotenza. Zied li huwa nduna li l-intimati kien behsiebhom jaqsmu l-binja l-gdida f'diversi *units* separati u jdahhlu bosta nies jghixu fihom anki minghajr il-permess ta' zvilupp. Tant hu hekk li spicca kienu ser isiru

servizzi ta' madwar wiehed u ghoxrin (21) toilet. Izid li ghalkemm il-permess ta' zvilupp ghadu pendenti quddiem it-Tribunal tal-Appell huma xorta baqghu ghaddejjin bl-izvilupp, anzi bdew jghagglu biex ma jitwaqqfux b'xi mod legalment. Jinsisti li hu mhux qed joggezzjona bl-ghan li jithallas xi somma flus. Izid li huma baqghu ghaddejjin bix-xoghlijiet anki fil-komun minghajr il-kunsens tieghu u billi jinjoraw l-awtoritajiet kollha.

Illi f'dan l-affidavit fil-parti rilevanti ghall-allegat spoll odjern ir-rikorrent jixhed kif isegwi:

'Fil-fatt fl-istess lejl tal-jum li fih kien instema l-mandat, jigifieri fil-lejl tal-11 ta' Marzu, 2019, kienu waqqaw it-tankijiet tieghi minn fuq il-bejt taghhom u qatghu l-provvista tal-ilma ghal gewwa d-dar tieghi. Ngid li dan gara fis-satra tal-lejl u jiena u marti nhsadna ftit qabel ma gara dan smajna hafna giri ta' nies fil post ta' fuqi. Billi smaja hoss kbir u ndunajna mal-ewwel x'kien gara. Nispjega li ma jistax ikun mod iehor hlief li kienu proprju Cilia jew xi hadd imqabbad minnhom li kienu b'vendikazzjoni qalghu t-tankijiet tal-ilma minnf uq il-bejt. Dan qed nghidu peress lid awn it-tankijiet kienu ilhom mqeghdin fl-istess post b'mod sigur u sod ghall-aktar minn ghoxrin sena u qatt ma tharrku minn posthom Apparti minn hekk dakinhar it-tankijiet kienu mimlijin bl-ilma u zgur li ma setghux jitharrku minhabba t-

temp, aktar u aktar meta f'dak il-lejl ma kienx xi maltemp qawwi.' (Fol. 141)

Izid li minn dakinhar il-familja tieghu spiccat bla ilma u kellu jitqabbad pajp provisorjament. L-intimati bdew joggezzjonaw li jhalluh jitla' fuq il-bejt sabiex jirranga t-tankijiet. Izid li anki meta intervenew il-pulizija ma hallewhx. Izid:

'F'April ta' din is-sena stess, per ezempju, Cilia jew xi hadd li qabbdu huma anki qatghu l-wire tat-television kif ukoll waqqfu is-sistemi tal-arja kundizzjonata li kienu jinsabu fuq il-bejt tal-binja u li jien ghal senin twal kelli l-uzu u t-tgawdija taghhom billi kienu jsergu r-residenza tieghi.' (fol. 142)

Izid li wara li l-intimati kissru t-tarag li permezz tieghu huwa kien jitla' ghal fuq il-bejt issa jista' jitla' biss billi jixxabbat minghand il-girien.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Sonia Sciberras** a fol. 153 et seq fl-atti tal-kawza petitorja. Tghid li sakemm fil-fond ta' fuq kien jghix hu r-rikorrenti Kevin, ghal madwar wiehed u ghoxrin (21) sena shah qatt ma kellhom problemi biex jaccedu ghas-servizzi taghhom fuq il-bejt fejn izommu t-tankijiet, is-*solar water heating*, l-airconditions, servizzi u s-satellita. Fil-bqija tal-affidavit tikkonferma dak li xehed ir-rikorrent fl-affidavit tieghu fuq imsemmi.

Fuq l-istess linja jixhed hu Sonia Sciberras, **Aldo Bonello** fl-affidavit tieghu fl-atti petitorji a fol. 158 et seq tal-process.

Rat ir-rikors ghal proceduri ta' disprezz fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni a fol. 185 et seq tal-process u l-atti sussegwenti fl-istess mandat u rikors. Rat partikolarment li r-rikors originali ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni jgib id-data tal-1 ta' Marzu, 2019 liema mandat gie notifikat lill-intimati nhar l-1 ta' Marzu, 2019. Ir-risposta tal-intimati fl-atti ta' dak il-mandat iggib id-data tal-5 ta' Marzu, 2019. Rat ukoll li fil-11 ta' Marzu, 2019 effettivament sar smiegh ta' dan il-mandat kif jidher mill-verbal a fol. 232 tal-process. Id-digriet in camera konsegwenti jgib id-data tal-21 ta' Marzu, 2019.

Rat id-dokument esebit mix-xhud **Jeffrey Custo'** a fol. 257 tal-process li jindika li nhar il-11 ta' Marzu, 2019, bil-lejl, kien mistenni rih qawwi hafna mal-lejl Forza 7 mill-Majjistral. Rat ukoll mid-dokument a fol. 258 kif il-forza tar-rih zieded tul il-lejl bl-aktar qawwi kien minn nofs il-lejl il-quddiem u baqa' jizdied fil-jum tal-ghada. Fix-xhieda tieghu a fol. 275 et seq tal-process jispjega li f'rih forza 7 normali li jiccaqalqu s-sigar izda mhux li jitqacctu. Jispjega li t-tip ta' rih li jqaccat normalment ikun Grigalata u jkun forza 8 u jghid li fis-sena 2019 il-grigalata kienet fl-24 ta' Frar, 2019 u wara ma kien hemm xejn kbir hlief fit-12 ta'

Marzu, 2019. Jghid ukoll li r-rih fit-12 ta' Marzu, 2019 kien Majjistral, mal-hdax kienet Punent Majjistru izda ma tantx inbidlet mill-Majjistral. Skont dan ix-xhud il-Hamrun ma jigix affettwat daqstant jekk hux Punent jew Majjistral imma skont kemm hu gholi w mikxuf il-bini wkoll jaffettwa.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Christopher Sciberras** din id-darba fl-atti tal-kaz odjern a fol. 261 et seq tal-process liema affidavit huwa simili hafna ghal dak esebit fl-atti tal-kawza petitorja anki ghal dak li jirrigwarda l-allegati fatti tal-ispoll odjern ghalhekk il-Qorti mhux ser terga' tirrepeti l-kontenut tal-istess. Rat a fol. 264 et seq ir-ritratti relatati mat-tank in kwistjoni li jidher imdendel minn mal-pajpijiet tieghu stess minn mal-bejt ghal gewwa x-xaft. Rat ukoll ir-ritratti tal-wajers maqtughin ukoll allegatament formanti parti mill-ilment ta' spoll odjern. Rat ukoll ir-ritratti tas-sitwazzjoni precedenti ghall-allegat spoll u s-sitwazzjoni prezenti bis-servizzi mqacctin kif ukoll dik il-parti tal-binja fejn kien hemm it-tarag li jwassal ghal bejt u li giet demolita mill-intimati. Ir-rikorrent xehed ulterjorment a fol. 289 et seq tal-process in relazzjoni ma' dawn ir-ritratti.

Ir-rikorrent xehed in kontro-ezami a fol. 351 et seq tal-process. Jghid li dakinhar tat-tankijiet huwa ma ra lil hadd fil-blokka ghaliex hu kien fis-sodda. Jinsisti li ma kellux ghalfejn jiccekkja l-cameras tal-komun u ta' barra ghaliex qabel waqghu t-tankijiet

huwa sema5' giri fuq l-appartament ta' fuq u ftit wara sema' l-hoss tat-tankijiet jaqghu. Ikompli li ma kellux ghalfejn jiccekkja l-cameras ghax il-bieb ta' barra jinstema' jinfetah kieku, kull ma sema' hu kienu l-passi jigru fuq u wara ftit minuti jisma' 'boom' u hu kkonkluda li xi hadd minn fuq tefali t-tankijiet ghal isfel anki ghaliex qatt ma sema' giri dak il-hin fuqu. Dak iz-zmien ma kienux jghixu fl-appartament ta' fuq l-intimati izda kienu mikrijin uhud minnhom lil nies li jahdmu mal-intimati. Ghalhekk ma jafx min seta' kien hemm fl-appartament. Jinsisti li ma kellux ghalfejn jiccekkka l-cameras ghaliex il-bieb ta' barra ma kienx infetah. Jinsisti li dakinhar ma kienx maltemp u lanqas rih. Jghid li l-pulizija xehed falz ghaliex hu ma setax itih sellum stante li anki bis-sellum ma setax jitla' fuq il-bejt. Jixhed li hu ma setax jitla' jpoggi t-tankijiet f'posthom ghar-raguni kif isegwi:

'Mela jiena wara dak il-lejl, dak il-lejl mort l-Ghassa mal-ewwel u ghamilt ir-rapport tieghi. L-ghada filghodu ergajt mort l-Ghassa biex niccekkja kfi ha nibqa habba l-ilma tieghi. Kien hemm is-surgent li tela' jixhed diga, u ghidtlu habba l-dan. Qalli "Diga giet persuna ohra tixhed, taghmel rapport skuzani" u qalli illi din il-persuna qaltlu li jekk ma tisewwix it-tinda li kissiritilha, t-tinda li kissiritilha, mhux ha nitla nsewwi t-tankijiet. U kif qalli hekk jien ntbaht illi mela anka t-tieni tank waqali. U indunajt ukoll illi din it-tinda li beda jsemmi wiehed mill-ahwa Civilia, kienet ilha

mkissra xi tlett (3) snin, ghax il-post kien ta' hija, u t-tinda kienet imkissra ta' hija diga." (fol. 356)

Izid li meta mbaghad il-gurnata tal-Gimgha nhar il-15 ta' Marzu, 2019 mar mal-haddiem biex isewwilu u mar mal-Pulizija biex jikkonvinci lill-intimati jhalluh jitla' jsewwi, l-Pulizija qallu li jiddispjacih li ma rnexxilux jikkonvinci lill-intimat ihallih jidhol isewwi.

Hu r-rikorrent **Kevin Sciberras** xehed a fol. 278 et seq tal-process. Dwar x'servizzi kien hemm fuq it-turetta tal-bejt sakemm hu kien jghix fl-appartament numru 2 (sa sentejn ilu) jghid illi kien hemm tlett tankijiet, tank tal-ilma li kien tieghu, tank tal-ilma li kien ta' huh, kien hemm iehor f'nofshom li kien ghall-uzu tal-bir u jixxerjawh izda hu qatt ma qabbad mieghu, kien hemm *aircondition* tieghu u wiehed ta' huh, *solar* tieghu u iehor ta' huh u wkoll *satellite* tieghu u iehor ta' huh, kien hemm ukoll *aerial* li jaqsmuh. Tul is-snin li hu kien jghix hemm huh kien icempillu u jghidlu li ghandu bzonn jitla' u kien jitla'. Jispjega li biex jitla' l-ewwel irid jitla' mill-komun, mbaghad jidhol fl-appartament numru 2 fejn kien hemm it-tarag ghal fuq. Ma hemm l-ebda access iehor ghal fuq lanqas bis-sellum. Jghid li adjacenti toqghod ommhom ghalhekk seta' jitla' mill-bejt ta' ommhom imma qatt ma kien jaghmel hekk ghaliex dejjem kien ikun hemm xi hadd id-

dar. Dwar il-bir tal-bejt kien huh li qabbad mieghu izda hu ma qabbadx.

A f ol. 282 et seq xehdet mart ir-rikorrent **Sonia Sciberras.** Dwar dakinhar tal-allegat spoll relatat mat-tank tixhed kif isegwi:

'Ahna dhalna gos-sodda u f'daqqa wahda smajna hoss kbir, qomna jiena w r-ragel, iccekkjajna kamra kamra. Fil-kmamar ma kien hemm xejn, imbaghad hrigna fit-terrazzin ghax kien ghad fadlilna hemmhekk biss fejn niccekkjaw u naraw balla ilma. Ghall-ewwel ir-ragel haseb li hu drenagg, mentri qalli li hawn m'hawnx drenagg. Kif harisna 'l fuq biex nara l-ilma minn fejn hu nizel naraw it-tank imdendel ghall-isfel ghal ghandna . . . dan kien bil-lejl, nahseb bejn il-hdax, il-hdax u nnofs ta' bil-lejl. . '

Izzid li aktar kmieni dakinhar kellhom il-mandat li ghamel ir-ragel taghha. Tghid li hi qieghda bla ilma ghaliex l-intimati qatawlhom l-affarijiet kollha li suppost kellhom fuq il-bejt. Dwar it-tankijiet tghid li wiehed sabuh imdendel ghan-naha taghhom u l-iehor qalulha li waqa' fin-naha tal-intimati u rieduha terfghu hi. Kellha tnehhieh bil-fors, nehhietlu l-habel u hallietu fit-terrazzin taghha. It-tankijiet kien ilhom hemm qisu tlieta u ghoxrin (23) sena. Dawn it-tankijiet kienu mqabbdin mas-servizzi kollha, mal-kcina, mat-*toilets* u mal-*washroom* u meta nqalghu t-tankijiet spiccat bla ilma mkien u bla mishun. It-*toilet* bil-bramel u l-

hwejjeg tahsilhom b'idejha.  Izzid li l-intimati qalghu ukoll l-*aircondition* u l-wajer tat-televizjoni.  L-*aircondition* hasbuh bil-hsara izda sabuh maqlugh u l-wajer tat-televizjoni sabuh imdendel.  Wara li nehhew it-tarag ma jistghux jaccedu ghal fuq il-bejt.  Ma tafx l-intimati kienux hemm dakinhar tat-tankijiet u huma marru direttament ghand il-pulizija ghaliex l-intimati ma jghixux hemm allura xi jmorru jhabbtu hemm.  Tghid li dakinhar ma semghetx passi fuq il-bejt qabel l-incident u li hemm zewg sulari ma tistax tisma.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Gatt** a fol. 331 et seq tal- process li prezenta zewg rapporti JG 1 u JG 2 a fol. 321 u 323 tal-process.  JG 1 igib id-data tat-12 ta' Awwissu, 2019 u jirrigwarda oggetti li ma ghandhomx x'jaqsmu mal-allegat spoll odjern, JG 2 huwa kopja shiha tar-rapport gia msemmi datat 28 ta' April, 2019 dwar il-qtugh tal-wajer tat-televizjoni u l-ghada gie rappurtat li gie maqlugh il-kumpressur tal-*aircondition* fuq il-bejt.  F'dan ir-rapport dwar l-intimati jinghad kif isegwi:

'Irraportaw gewwa l-ghassa tal-Hamrun Joshua u Matthew Cilia, fejn meta gew moghtija it-twissija tas-soltu kif ukoll id-dritt li jikkonsultaw mal-avukat taghhom, dawn stqarru minn jheddhom, li l-bierah 27/04/2019 kienu fuq il-bejt tar-residenza taghhom u bdew inaddfu l-affarijiet li- hemm, li- kien jikkonsisti min gonot

ta' wires imqactin, madum hazin, solar water heater kif ukoll zewg air-conditions antiki.'

Rat ix-xhieda ta' **PC 948 Christian Gauci** a fol. 334 et seq tal-process u li prezenta kopja shiha tar-rapport tal-11 ta' Marzu, 2019 a fol. 326 tal-process rigwardanti t-tankijiet. Jixhed li ghalkemm marru fuq il-post huma ma telghux fuq il-bejt ghaliex kien il-maltemp u r-rih u ma kienux ser jitilghu fuq sellum. Rat ukoll fuq l-istess linja ix-xhieda ta' **PC 1056 Karl Debono** a fol. 338 tal-process u x-xhieda tas-Surgent ta' fuhom **PS 267 Anthony Cassar** a fol. 341 et seq tal-process. Izid li hasbu li seta' jkun li t-tank waqa' bir-rih. Ma rnexxielhomx ikellmu lill-intimati dwar l-akakdut.

Rat ix-xhieda tal-intimat **Matthew Cilia** a fol. 357 et seq tal-process. Jghid li huwa qatt ma kien jghix fil-blokka in kwistjoni. Fil-lejl meta waqghu it-tankijiet hu kien fir-residenza tieghu li tinsab post iehor rieqed u mhux hemm. Jichad li hu waqqa' xi tank jew li qal lil xi hadd biex jaghmel hekk. Jghid li kemm huma kif ukoll ir-rikorrent ghandhom *cameras* fuq il-komun u fuq it-triq. Ma jafx jekk it-tankijiet kienux mimlijin bl-ilma jew le, tank jaqa' jekk ma jkunx mimli bl-ilma. Jiftakar li dakinhar kien hafna rih. Izid li meta waqghu it-tankijiet wiehed gie mdendel ghal fuq il-bitha tar-rikorrent u iehor ghal fuq in-naha taghhom u gie fuq it-tinda. It-tinda tqacctet ghal isfel. It-tank taghhom kien mimli u

ma nqalax. Huwa mar l-ghada xi l-ghaxra ta' filghodu biex itella' it-tankijiet. Mistoqsi dwar il-posizzjoni tieghu sabiex ir-rikorrent jerga' jirranga t-tank:

'X'hin irid jekk irid anka jien inqabbadulu. Xhedtu anka quddiem is-Sinjura xehdtu. Ghidtilha xhin irid inqabbduh. Jien qalli, issa tiddecidieh il-Magistrata meta inzilt kellimtu lilu personali. Issa jiena ma nafx, jien jekk irid anka llum imorru nqabbduh. Din l-istorja fuq tankijiet tilghajn u niezlin; xoghol qed nitlef jien.'

Hu ma dahalx fil-kwistjoni meta marru l-pulizija, dak kien huh. Mistoqsi dwar il-wajer jghid li vera li qatawh huma filwaqt li kienu qed inaddfu l-pajpijiet u affarijiet fuq ic-cnut ghaliex hasbu li kien hiereg mill-proprjeta' tieghu stess. Meta qallu biex jaghmel it-tankijiet qallu wkoll biex jaghmel il-wajer u rega' qallu tiddeciedi l-Magistrata. Huma aktar tfixklu ghaliex kienu jafu li r-rikorrent kellu Go mhux Melita allura aktar qalghu ghax hasbu tieghu. Dwar il-wajers tal-*airconditioner* jghid li kienu qed inaddfu l-hitan fil-proprjeta' taghhom u sabu dawn il-wajers ghaddejjin mill-poprjeta' taghhom meta qatt ma hu suppost jghaddu wajers minn proprjeta' ta' xi hadd iehor. Huma komplew qalghu il-hajt u kien biss meta qalghu il-kontrabejt li skoprew li l-wajer kien ghaddej minn go fih u sejjer ghal gol-kumpressur tal-airconditioner tar-rikorrent. Jghid li meta jrid jistghu jaraw kif ser jergghu jaghmlu dawn l-affarijiet:

'Inqabdu jekk hemm bzonn , inqabbdu l-ilma, jekk hemm servizz jara kif icempel tal-Melita ha jara kif ha jtellghu, imma dan konnessjoni bejnietna, gieli, biex nitkellmu, m'hemm xejn u nipprova nkelmu biex nirrangaw u mmorru seba mitt sena lura.'

L-intimat Matthew Cilia xehed in kontro-ezami a fol. 341 tal-process. Jikkonferma li l-appartament numru 2 huwa proprjeta tieghu, ta' martu u ta' huh lkoll intimati. Jikkonferma li r-rikorrenti, l-intimati u l-inkwilini tal-intimati biss ghandhom access ghall-blokka in kwistjoni. Dakinhar li bil-lejl waqghu t-tankijiet ma marx fuq il-post, mar l-ghada jtella' it-tank. Jghid li l-inkwilini taghhom ikunu kollha barranin u jkunu kirjiet *long lets*. Jaqbel li fuq il-kamra tal-bejt huwa purament ghall-uzu ta' tankijiet, maintenance, kumpressuri, ecc. L-inkwilini hadd ma qallu xejn qabel ma nqala l-incident tat-tankijiet. Il-pulizija kellmu lil huh. Lanqas wara li qallu huh ma mar jistaqsi l-inkwilini. Mistoqsi jekk kienx irrabjat habba l-mandat jghid li r-rikorrent bil-mandat qatt ma gabha sew. Bil-kawzi jghid li mhux jiehu pjacir. Jghid li m'humiex il-kawzi li qed iwaqqfuh milli jkomplu jizviluppaw imma ghaliex ir-rikorrent ma jridx ihallihom jaghmlu t-testijiet biex jaraw kemm jiflah il-bini. Jinsisti li biex waqghu it-tankijiet bilfors ma kellhomx elf litru ilma fihom, bilfors li kienu vojta. Jaqbel li r-rikorrent ghandu biss iz-zewg tankijiet li waqghu u li qabel l-incident ir-rikorrent qatt ma

semmielu xejn fuq tankijiet. Mistoqsi ghalfejn meta gew il-pulizija biex ihalluh jidhol biex jitrangaw it-tankijiet ghalfejn ma hallewhx jghid ghaliex ir-rikorrent ried jidhol hu ukoll. Wara kien dispost li jhallih jaghmel ix-xoghlijiet izda qalli li jhalli f'idejn il-Magistrata. Mistoqsi ghandux oggezzjoni li t-tankijiet jergghu jehlu fejn kienu jirrispondi:

'Jista jwahhalhom fejn kienu ovvjament, imma meta ha ntellghu, jrid untellghuhom fuq nergghu. Fuq il-bejt ta' fuq, fuq il-bejt qeghdin u fuq il-bejt ha nergghu npogguhom. . . Dawn mhux qed nitolbu spejjez biex intellghuhom; b'xejn jien intellaghhom.'

Jinsisti li t-tankijiet kienu vojta ghalkemm ma rax il-ballun imwahhal ghaliex kieku ma waqghux. Tieghu ma waqax ghax kien mimli.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob,

b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse)***, l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse)***.

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet*

*ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..***'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti,

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u*

---

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ma hemmx dubju li fl-atti odjerni, partikolarment ir-rikorrent, ressaq bosta provi li jmorru ben oltre l-allegat spoll li kellu jigi ppruvat fil-kaz odjern b'dana li l-kaz spicca twal hafna inutilment meta s-sitwazzjoni tar-rikorrenti li jinsabu minghajr servizz adegwat ta' ilma, mishun u servizzi kienet tirrikjedi li l-kawza tinqata' ferm qabel.

Illi l-Qorti wara li ghamlet referenza ghall-provi kollha fl-atti ser taghmel referenza ghal dawk il-provi l-aktar rilevanti sabiex jghinuha tasal ghall-konkluzjoni jekk l-ispoll allegat giet debitament ppruvat kif trid il-ligi.

Pussess:-

Illi dwar il-pussess kemm taz-zewg tankijiet in kwistjoni, il-wajer tat-televizjoni u wkoll il-wajer tal-kumpressur fuq il-bejt illum proprejta' tal-intimati gie ppruvat fl-atti li dawn kien ilhom fuq il-bejt in kwistjoni ghal aktar minn ghoxrin (20) sena u li r-rikorrent qatt ma kellu problema sabiex jaccedi ghalihom tramite l-appartament li sa sentejn qabel il-kawza kien ta' huh u t-tarag intern li jwassal ghal bejt u dan kull meta kellu bzonn iwahhal jew jaghmel manutenzjoni lil dawn is-servizzi. Jirrizulta wkoll li sad-data tal-11 ta' Marzu, 2019, ghalkemm id-disgwiti bejn il-partijiet kienu gia bdew, almenu, dwar iz-zewg t-tankijiet tal-ilma, il-wajer tat-televizjoni li jwassal is-servizz tal-'GO' u l-kumpressur tal-*airconditioner* ma jidhirx li kien ghadu xi nqala xi battibekk. Fil-fatt l-ittri interpellattorji msemmija aktar il-fuq, li wahda minnhom hija datata ftit gimghat qabel l-ewwel allegat spoll (Jannar 2019) ma jsemmu xejn dwar dawn it-tlett servizzi nstallati fuq il-bejt. L-istess intimat in kontro-ezami jikkonferma li sa qabel il-11 ta' Marzu, 2019 ir-rikorrent ma kien kellmu xejn fuqhom.

Illi l-Qorti rat li l-pussess tar-rikorrent fuq dawn it-tlett servizzi nstallati fuq il-bejt gie konfermat minnu stess, minn martu Sonia Sciberras, hu martu Aldo Bonello kif ukoll minn huh Kevin Sciberra li lkoll xehdu fl-atti odjerni.

Il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni li l-element tal-pussess da parti tar-rikorrent gie debitament ppruvat ai fini tal-proceduri odjerni.

Spoliatum fuisse:

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti trid tiddistingwi bejn tlett oggetti allegatament spoljati cioe' (i) t-tankijiet tal-ilma, (ii) il-wajer tat-televizjoni u (iii) il-wajer tal-kompressur tal-*airconditioner*.

(i) Illi dwar it-tankijiet jirrizulta li dawn waqghu jew twaqqghu minn posthom fil-hin ta' bil-lejl bejn il-11 ta' Marzu, 2019 u t-12 ta' Marzu, 2019 u dan madwar il-hdax ta' bil-lejl. Irrizulta ppruvat li dakinhar bil-lejl kien qam pjuttost ir-rih tant li kien forza 7. Ir-rikorrent isostni li huwa sema' xi passi u f'daqqa wahda sema' 'boom' u sab tank minnhom imwaqqa imdendel ghal gewwa x-xaft tieghu. Izid li kien l-ghada li skopra li l-iehor ukoll kien waqa' izda fuq in-naha tal-proprjeta' tal-intimati. Dwar dan l-incident sar rapport mill-ewwel mal-pulizija.

Illi meta r-rikorrent gie mistoqsi kif jaf li kienu l-intimati li waqqawlu t-tankijiet u mhux ir-rih jghid ghaliex sema' l-passi fl-appartament ta' fuqu u ftit wara l-istorbju tat-tankijiet jaqghu. Martu izda fix-xhieda taghha cahdet li hi semghet xi passi u qalet li ma jistghux jinstemghu ghaliex hemm zewg sulari. Mistoqsi

izda jekk iccekkjax il-*cameras* biex jara x'kien fihom in vista li l-intimati ma jghixux hemm jirrispondi li ma kellux ghalfejn ghaliex ma kienx sema l-bieb ta' barra tal-blokka jinfetah. Il-Qorti tqis din ix-xhieda tar-rikorrent pjuttost kontradittorja ghaliex kif setghu l-intimati li ma joqoghdux hemm iwaqqghu volontarjament it-tankijiet minghajr ma jidhlu mill-bieb ta' barra tal-blokka sabiex jaghmlu dan? Il-Qorti tqis ukoll li huwa inverosimili li l-intimati qabbdu lil xi inkwilin minn taghhom biex jaqilbu t-tankijiet minn flokhom. Ghall-kuntrarju ta' dak li sostna r-rikorrent, il-Qorti tqis li l-filmati tal-*camera* kienu prova mportanti hafna ghall-kaz odjern sabiex se mai isahhu l-allegazzjoni tar-rikorrent li kienu l-intimati li waqqghu it-tankijiet izda r-rikorrent ghazel li jeskludi din il-prova. Il-Qorti temmen li r-rikorrent ra x'kien hemm fuq il-*camera* u x'hin ra li ma kien hemm xejn iddecieda li ma jressaqx dawn il-filmati bhala prova. Illi in oltre, ghalkemm huwa ferm suspettuz li t-tankijiet waqghu dak il-lejl stess li kien hemm is-smiegh tal-mandat, ghandu jinghad li dakinhar, il-mandat ma giex deciz. In oltre l-Qorti zzid li l-fattur tar-rih xejn ma jimmilita favur it-tezi tar-rikorrent li t-tankijiet waqqawhom l-intimati. Il-Qorti tinnota wkoll wara li rat il-posizzjoni li spicca fih it-tank li ddendel ghal fuq il-bitha tar-rikorrent u baqa' imwahhal ma' xi pajpijiet tieghu stess, illi din aktar tevidenzja li verament it-tankijiet inqelbu bir-rih u mhux ghaliex gew mbuttati. Il-Qorti wkoll tistaqsi x'interess seta' kellhom l-intimati li wiehed mit-tankijiet jimbuttawh lejn il-

proprjeta' taghhom stess u jaghmlu l-hsara lill-proprjeta' taghhom stess. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-fatt li t-tankijiet waqghu kien rizultat ta' fatturi ohra u mhux ta' xi agir tal-intimat.

Illi l-Qorti izzid izda li ghalkemm ma waslitx ghall-konkluzjoni li t-tankijiet waqqawhom volontarjament l-intimati, jirrizulta li l-intimati rrifjutaw l-access lir-rikorrent sabiex ikun jista' jitla' jsewwi tali tankijiet u huwa f'dan il-mument li ghandu jitqies li r-rikorrent gie spoljat mill-pussess tieghu ghat-tgawdija tal-uzu tas-servizz ta' zewg tankijiet tal-ilma li kienu nstallati fuq it-turretta fuq il-bejt. Ir-rikorrent xehed li huwa kien mar mal-haddiem il-gurnata tal-Gimgha wara li waqghu it-tankijiet b'dana li allura dan sehh nhar il-15 ta' Gunju, 2019, fejn anki sar rapport mal-pulizija dwar dan. Huwa fil-mument li gie rifjutat l-access lir-rikorrent mill-intimati sabiex ikun jista' jaccedi u jsewwi t-tankijiet, li l-intimati ghandhom jitqiesu li nnegaw lir-rikorrent mill-pussess ta' hwejjgu b'dana allura li dan l-element huwa ppruvat ghal dak li huwa t-tankijiet b'effett mill-15 ta' Gunju, 2019.

(ii) u (iii) Illi dwar il-wajer tat-televizjoni u l-wajer tal-kompressur jirrizulta mir-rapport li sar mal-Pulizija u li jgib id-dati tas-27 u tat-28 ta' April, 2019 ( fol. 323 tal-process) li r-rikorrent jallega li nhar is-27 ta' April, 2019 gie mqaccat il-wajer tat-televizjoni. L-ghada 28 ta' April, 2019 skont l-istess rapport l-intimati Joshua u

Matthew Cilia ammettew li kienu qed inaddfu l-affarijiet minn fuq il-bejt tar-residenza prorpjeta' taghhom u li fost affarijiet li naddfu kien hemm xi wajers. Fix-xhieda tieghu l-intimat Matthew Cilia jammetti li kienu huma li qacctu l-wajer izda ghaliex hasbuh li kien taghhom u mhux ghad indunaw li kien tar-rikorrent.

Dwar il-kompressur ir-rapport da parti tar-rikorrent sar nhar it-28 ta' April, 2019 u tista' tghid l-intimati dakinhar stess gia kienu ammettew fil-versjoni taghhom mal-Pulizija li kienu missew fost ohrajn zewg *airconditions* antiki. L-intimat Matthew Cilia fix-xhieda tieghu ammetta wkoll li kienu huma li nehhew il-wajer li jwassal ghall-kumpressur tar-rikorrent izda jsostni li ghal darb'ohra ma kienx jaf li huwa tar-rikorrent ghaliex kien ghaddej mill-hajt proprjeta' tal-intimati u kien biss meta bdew inehhu l-kontra-bejt li saru jafu li dan kien iwassal ghall-kumpressur tar-rikorrent. Il-Qorti izda tinnota l-emfasi li l-intimat ghamel waqt ix-xhieda fuq il-punt li l-wajer tar-rikorrent qatt ma kellu jkun ghaddej minn hajt proprjeta' tieghu ghalhekk issibha difficli li temmen li l-intimati ma ndunawx li l-wajer ma kienx taghhom u ghal xhiex kien iwassal anzi malli raw li kien ghaddieh ir-rikorrent aktar u aktar qabdu u qacctuh.

Illi fi kwalunkwe kaz, indunaw jew ma ndunawx ta' min kienu s-servizzi li kien qed inehhu, l-intimati rrendew ruhhom hatja tal-

*ispoliatum fuisse* fil-mument li ghal darb'ohra ma hallewx lir-rikorrent jaccedi ghal fuq il-bejt fejn hemm is-servizzi sabiex ikun jista' jirripristina l-istess. Ghalhekk il-Qorti tqis li anki fil-kaz ta'dawn is-servizzi l-element tal-*ispoliatum fuisse* gie sodisfatt da parti tar-rikorrent kif izda spjegat minn dik il-Qorti.

Infra bimestre deduxisse:-

Illi d-dati tal-allegati spoll huma pjuttost cari mill-provi fl-attti, nhar il-11 ta' Marzu, 2019 ghal dak li huma tankijiet filwaqt li izda l-access gie negat nhar il-15 ta' Marzu, 2019 (data li din il-Qorti ddecidiet li sehh l-ispoll dwar it-tankijiet), ghal dak li huwa wajer tat-televizjoni id-data hija dik tas-27 ta' April, 2019 u l-wajer kumpressur id-data hija dik tat-28 ta' April, 2019. Il-kaz odjern gie prezentat nhar it-3 ta' Mejju, 2019 ghalhekk id-dati kollha jaqghu entro t-terminu tax-xahrejn mpost mil-ligi b'dana li allura anki dan l-element huwa sodisfatt.

**Rimedju:**

Illi jirrizulta li permezz tal-azzjonijiet spoljattivi ppruvati kif dikjarati aktar il-fuq minn din il-Qorti, r-rikorrent gie spussessat mis-servizz ta' zewg tankijiet tal-ilma li minn fuq il-bejt iwasslu l-ilma ghar-residenza tieghu u wkoll mis-servizz tat-televizjoni jew stante li gie maqtugh il-wajer li wkoll kien jghaddi minn fuq il-

bejt u mill-kumpressur tal-*airconditioner* li l-kompressur tieghu ma baqax jahdem ghaliex gie maqtugh il-wajer tad-dawl tieghu.

Il-Qorti rat mill-verbali u minn nota ta'sottomissjonijiet tar-rikorrent li hu qed jipretendi li din il-Qorti tordna li dawn is-servizzi jergghu jehlu ezatt fejn kienu izda f'kaz li l-Qorti taghmel hekk allura tkun qed tidhol fil-parametri tal-kawza petitorja pendenti bejn il-partijiet u din il-Qorti mihiex ser thalli li tigi uzata b'dan il-mod. Ghaldaqstant ai fini ta' reintegrazzjoni *status quo ante* l-Qorti ser tordna li l-intimati, fi zmien massimu ta' xahar, jaghtu access lir-rikorrent sabiex ikun jista' jerga' jwahhal iz-zewg tankijiet, il-wajer tat-televizjoni u l-wajer tad-dawl tal-kompressur b'dana li dawn jergghu iservu r-residenza tar-rikorrent kif kienu qabel, b'dana izda li dawn is-servizzi ghandhom jitpoggew f'post fejn jigi ndikat lilu mill-intimati bhala sidien tal-bejt in kwistjoni, filwaqt li kwalunkwe servizz li jehtieg li jinzel l'isfel mill-bejt ghar-residenza tar-rikorrent ghandu mill-bejt jghaddi ghall-gewwa x-xaft komuni jew terrazzin, dan kif anki verbalizzat bi qbil bejn il-partijiet fl-atti. L-intimati ghandhom jibqghu jaghtu access liberu lir-rikorrent ghal dawn is-servizzi kull meta dan ikun mehtieg ghall-manutenzjoni taghhom. Is-servizzi ghandhom jibqghu fil-post fejn jitpoggew sakemm ma jkunx hemm ordni ohra diversa mill-Qorti.

Illi l-Qorti rat ukoll li r-raba' u s-seba' talba tar-rikorrent, fejn qed jitlob li din il-Qorti tinibixxi b'mod indefinit lill-intimati milli jaghmlu xi azzjonijiet, tqis li dan ir-rimedju provdut fil-ligi huwa wiehed kawtelatorju w'ghalhekk ma jistax jitressaq bhala parti minn rimedju permanenti kif mitlub mir-rikorrent. Ghal din ir-raguni l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg talbiet.

Illi l-Qorti rat ukoll li l-intimati diversi drabi fl-atti fil-mori tal-kawza sostnew li kienu disposti jhallu lir-rikorrent sabiex jitla' jwahhal is-servizzi in kwistjoni, sfortunatament izda jirrizulta li dan ghamluh wara li nfethet il-kawza fil-konfront taghhom ghalhekk dan m'ghandux iservi sabiex l-intimati ma jbaghtux l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

2) Tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent b'eskluzjoni tar-raba' u s-seba' talba.

3) Ai fini tat-tielet u sitt talba tar-rikorrent il-Qorti timponi terminu ta' massimu xahar fuq l-intimati sabiex jaghtu access lir-rikorrent sabiex ikun jista' jerga' jwahhal iz-zewg tankijiet, il-wajer tat-televizjoni u l-wajer tad-dawl tal-kompressur b'dana li dawn jergghu jibdew iservu r-residenza tar-rikorrent kif kienu qabel, b'dana izda li dawn is-servizzi ghandhom jitpoggew f'post fejn jigi ndikat lilu mill-intimati bhala sidien tal-bejt in kwistjoni, filwaqt li kwalunkwe servizz li jehtieg li jinzel l'isfel mill-bejt ghar-residenza tar-rikorrent ghandu mill-bejt jghaddi ghall-gewwa x-xaft komuni jew terazzin. L-intimati ghandhom jibqghu jaghtu access liberu lir-rikorrent ghal dawn is-servizzi kull meta dan ikun mehtieg ghall-manutenzjoni taghhom. Is-servizzi ghandhom jibqghu fil-post fejn jitpoggew sakemm ma jkunx hemm ordni ohra diversa mill-Qorti fil-kawza petitorja bejn il-partijiet.

4) Ai fini tat-tmien talba, f'kaz li l-intimati jonqsu milli jaghmlu dak ordnat lilhom fiz-zmien xahar mpost fil-paragrafu suespost il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaccedu fuq il-bejt in kwistjoni biex ikunu jistghu jaghmlu x-xoghlijiet kif deskritti u ordnati fil-paragrafu 3 precedenti, b'dana li f'kaz li l-intimati ma jindikawx fejn ghandhom jehlu dawn is-servizzi, qed jigi nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex a spejjez tal-intimati jaccedi fuq il-post, jindika fejn dawn ghandhom jehlu u jsegwi l-process ta' reintegrazzjoni u nstallar u jirrelata lura lil din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-intimati, l-ispejjez sabiex jergghu jigu nstallati l-wajers ukoll a spejjez tal-intimati filwaqt li l-ispejjez sabiex jergghu jitwahhlu t-tankijiet ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Novembru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Novembru 2023**